Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/43*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 43 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar it-Tlieta 20 ta' Diċembru, 2011 fis-6.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

**1. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 6-42**

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**3. Mill-Minuti 6-42**

3.01 **Paragrafu 4.04 – Programm M125 –** Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li Katya Scicluna mill-Uffiċċju tal-Gozo Action Group talbet informazzjoni dwar l-applikazzjoni tagħna għall-programm M125. Il-Kunsill ġie mitlub li jibgħat lista ta' bdiewa full-time jew part-time li jużaw it-toroq rurali li għalihom qed napplikaw biex isir ix-xogħol ta' manutenzjoni. Peress li l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Frank Formosa l-aktar li għandhom din l-informazzjoni, huma se jagħtu d-dettalji tal-bdiewa lis-Segretarju Eżekuttiv biex jintbagħtu lil Gozo Action Group.

3.02 **Paragrafu 9 – Problema tal-ilma tax-xita fi Sqaq San Pupulju –** Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-Perit Angelo Portelli kien bagħat ir-rapport dwar din il-problema. Kif kien diskuss fl-aħħar laqgħa, il-Kunsill qabel li għandna noħorġu sejħa għall-offerti biex isir ix-xogħol meħtieġ u b'hekk din il-problema tiġi solvuta. Għalhekk il-Perit se jiġi mitlub sabiex jipprepara d-dokumenti tal-offerta.

**4. Laqgħa Pubblika**

Minuti tal-Laqgħa Pubblika qed jiġu annessi ma' dawn il-Minuti.

## 5. Korrispondenza

5.01 Memo 118/2011 – EIE Excellence in Leadership Scholarship and Award
5.02 Memo 119/2011 – Eżenzjoni mill-Obbligu tal-Ftuħ tal-Uffiċċju Amministrattiv nhar ta' Sibt (l-24 u l-31 ta' Diċembru 2011)
5.03 Memo 120/2011 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilta' ta' Librerija Lokali. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw biex nibbenifikaw minn din l-iskema.
5.04 Memo 121/2011 – Għeluq tas-sena finanzjarja
5.05 Memo 122/2011 – Skema ta' Finanzjament għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw biex nibbenifikaw minn din l-iskema. Il-postijiet li se napplikaw għalihom huma n-niċċa tal-Lunzjata li hemm fi Triq Salvu Gambin kantuniera ma' Triq il-Knisja u biex isir restawr tal-istatwi li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja fi Pjazza s-Salvatur.

5.06 Is-Sur Silvio Frendo, Assistent Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li l-allokazzjoni tal-Kunsill għas-sena 2012 se tkun ta' €160,687.

5.07 Anna Vella mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali nfurmat lill-Kunsill li kien sar tnaqqis ta' €839.34 mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill peress li l-financial statements u r-Rapport tal-Awditur għas-sena 2010 ma kienux waslu fil-ħin. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li dwar din l-email huwa diġa rrisponda lid-Dipartiment. Ir-raġuni prinċipali li dawn ir-rapporti ma daħlux fil-ħin kienet li l-Kunsill għadda minn tibdil amministrattiv darbtejn matul din is-sena u għalhekk seta' kien hemm xi diffikultajiet.

5.08 Il-MEPA infurmat lill-Kunsill li l-ammont ta' Urban Improvement Funds għal Kunsill Lokali L-Għasri huwa ta' €1,886.80.

5.09 L-AKL permezz ta' Ċirkulari Nru 79/2011 infurmat lill-Kunsilli Lokali li l-polza tal-assikurazzjoni dwar flus fil-Kunsilli Lokali se tiġġedded għas-sena 2012. L-ammont li jrid jitħallas huwa ta' €63. Il-Kunsill qabel li għandna nħallsu din il-polza ta' assikurazzjoni.

5.10 L-AKL permezz ta' Ċirkulari Nru 80/2011 infurmat lill-Kunsilli Lokali li l-polza tal-assikurazzjoni dwar is-saħħa se tiġġedded għas-sena 2012. L-ammont li jrid jitħallas huwa ta' €56 għal kull persuna assikurata. Il-Kunsill qabel li għandna nħallsu din il-polza ta' assikurazzjoni għall-membri kollha tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv.

5.11 Joe Attard, Kap Eżekuttiv tal-Green mt nforma lill-Kunsilli Lokali Għawdxin li qegħdin fl-iskema tal-Green mt li l-ftehim (dwar ġbir ta' skart riċiklabbli u tbattil tal-Bring in Sites) se jagħlaq fl-14 ta' Marzu 2012. Il-Green mt qed titlob li ssir laqgħa mal-Kunsilli Lokali konċernati sal-21 ta' Frar 2012. Jekk din il-laqgħa ma tkunx tista' ssir, il-Green mt qed jitolbu li l-ftehim preżenti jiġi ratifikat sakemm issir il-laqgħa. Il-Kunsill qabel li l-ftehim għandu jiġi ratifikat.

## 6. Offerta – Resurfacing ta' parti minn Triq il-Fanal

Sal-ħin tal-egħluq, fil-kaxxa tal-offerti kienet intefgħet offerta waħda biss. L-offerta mitfugħa hija ta' Road Constructions Co. Ltd. u l-ammont totali tal-iskeda tar-rati huwa ta' €333,610.67. Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-offerta u qabel li l-istima hija

għolja. Peress li ġiet sottomessa offerta waħda l-Kunsill jista' jiltaqa' mal-kuntrattur konċernat u jiddiskuti miegħu. Għalhekk is-Sindku ppropona li niltaqgħu mal-kuntrattur flimkien mal-Perit Angelo Portelli qabel ma tittieħed xi deċiżjoni dwar din l-offerta. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk ser issir laqgħa mal-kuntrattur.

**7. Attivitajiet – fi żmien il-Festa tal-Milied**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-preparamenti għall-attivitajiet li ser isiru fi żmien il-Milied mexjien kif kien ippjanat. Id-dwal dekorattiv tal-pjazza u anke ta' Triq Dun Karm Caruana kienu saru wkoll.

**8. Budget 2012 u Business Plan 2012-2014**

Dawn id-dokumenti kienu tqassmu lill-membri kollha tal-Kunsill u ġew diskussi wkoll waqt il-laqgħa pubblika li nżammet aktar kmieni llum. Il-Kunsill reġa' ddiskuta l-Budget għas-sena 2012 u l-Business Plan għas-snin 2012/2014 u ġew approvati unanimament.

**9. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-43 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**10. Materja oħra**

10.01 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien daħal ilment dwar materjal li nġabar f'Wied l-Għasri, malli tinżel minn Triq Gallina peress li qed jimblokka parti mill-wied. Peress li l-wied huwa fir-responsabilta' tal-Gvern Ċentrali, dan l-ilment ġie mgħoddi permezz tas-sistema elettronika tal-customer care. Fil-fatt uffiċċjali mid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp kienu marru fuq il-post biex jaraw kif ser isir ix-xogħol meħtieġ.

10.02 Grace Ragan nfurmat lill-Kunsill li fi Triq il-Fanal hemm ħajt tas-sejjieħ li ġġarraf meta kien hawn il-maltempa fil-bidu ta' Novembru ta' din is-sena. Il-Kunsill qabel li dan għandu jerġa' jinbena.

10.03 Il-Kunsill qabel li għandna noħorġu sejħa għall-kwotazzjonijiet għal xiri ta' 'cold asphalt'.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar, 2012 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.15p.m.

Andrew Vella
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv